- *KOMPETENZA RATIONAE MATERIAE* -

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Jannar 2018**

**Kawza Numru : 24**
**Rikors Numru : 137/2016 LSO**

**John Sammut (ID 881152M) u Victoria Sammut (ID 509057M)**

**vs**

**Jason Grima (ID 376372M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ John u Victoria konjugi Sammut datat 23 ta’ Frar 2016 fejn bil-gurament tieghu John Sammut ikkonferma:

Illi l-esponenti kienu permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr Krystle Frendo Galea datat tnejn u ghoxrin (22) ta’ Lulju elfejn u hmistax (2015) akkwistaw il-fond bin-numru tmienja u tletin (38) mill-poter ta' oht l-esponenti John Sammut kif ukoll kamra bin-numru sebgha u tletin (37) Triq Doni Rabat (Malta) konfinanti mal-fond numru tmienja u tletin (38) (Dok A).

Illi l-kamra msemmija bin-nurmu sebgha u tletin (37) biss hija mertu ta' l-azzjoni odjerna peress illi hija okkupata mill-intimat Jason Grima u fiha qed izomm xi ghasafar.

Illi meta nterpellat sabiex jizgombra minhabba nuqqas ta' titolu l-ewwel permezz ta' ittra mibghuta mill-konsulent legali tieghu datata tmientax (18) ta' Awwissu elfejn u hmistax (2015) minghajr pregudizzju wiegeb li kien akkwista l-imsemmija kamra permezz tal-preskrizzjoni trentannali. (Dok B)

Illi meta nterpellat ghat-tieni darba sabiex jizgombra minhabba nuqqas ta' titolu permezz ta' ittra mibghuta mill-konsulent legali tieghu datata sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru elfejn u hmistax (2015) wiegeb minghajr pregudizzju li ghandu titolu ta' lokazzjoni fuq il-fond *de quo.*

Illi ghalhekk, kjarament l-intimat ma ghandu ebda eccezzjoni valida x'jissolleva kontra t-talba ta' l-esponenti;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi *ai termini* ta' Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza;

Jghid ghalhekk l-intimat ‘il ghaliex, dina l-Qorti ma ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijet fuq premessi, u *in vista* tal-affidavit guramentat u hawn unit (Dok JS);

1. Tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh *a tenur* tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* illi l-intimat ma ghandux titolu validu fuq il-fond bin-numru sebgha u tletin (37) Triq Doni Rabat (Malta);

2. Tordna lill-intimat jizgombra mill-fond bin-numru sebgha u tletin (37) Triq Doni Rabat (Malta) fi zmien qasir u parentorju kif tistabbilixxi din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet fuq esposti.

Bl-ispejjes tal-prezenti, kontra l-intimat, ngunt minn issa in subbizzjoni

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta’ Marzu 2016 fid-9:30am, b’ ordni lill-intimat biex jidher f’ dik il-gurnata u jwiegeb ghat-talba tar-rikorrenti, u fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Jason Grima (ID 376372M) datata 5 ta' April 2016 (fol 16) fejn bil-gurament tieghu kkonferma:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li mhuwiex minnu illi r-rispondent qieghed jokkupa l-kamra bin-numru sebgha u tletin (37) fi Triq Doni, Rabat minghajr ebda titolu kif allegat mir-rikorrenti; ghall-kuntrarju r-rispondent qieghed jokkupa l-imsemmija kamra b'titolu validu ta' lokazzjoni kif evidenzjat ukoll mill-kotba tal-kera illi diga` gew murija lil din l-Onorabbli Qorti fl-ewwel udejnza ta' din il-kawza.

2. Illi konsegwentement il-kompetenza ghas-smigh ta' din il-kawza, galdarba li giet stabbilita l-ezistenza ta' lokazzjoni, mhijiex ta' din l-Onorabbli Qorti izda tal-Bord Li Jirregola l-Kera.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 10 ta' Ottubru 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-Qorti semghet il-finali trattazzjoni fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari ta' Dr Timothy Bartolo u Dr Patrick Valentino, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika.
Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Jannar 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz ta' din il-kawza r-rikorrenti qed jitolbu l-izgumbrament tal-intimat mill-kamra numru sebgha u tletin, (37) fi Triq Doni Rabat.

Fir-risposta guramentata tieghu, l-intimat eccepixxa in linea preliminari n-nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae* ta' din il-Qorti.

Fir-risposta guramentata, l-intimat iddikjara li giet stabbilita l-ezistenza ta' lokazzjoni, kwindi ladarba jirrizulta li hemm kera, il-kompetenza tispetta lill-Bord Li Jirregola l-Kera.

Min-naha l-ohra, r-rikorrenti jikkontendu li ghalkemm kien hemm kirja f'isem in-nannu tal-intimat li miet fl-1989, b'xi mod baqghet tithallas il-kera sal-1991. Illi gie sottolineat li mill-1991 sal-1997 ma thallset l-ebda kera.

**Provi:**

**John Sammut** xehed permezz ta' affidavit (fol 5) u qal li misseru miet sbatax-il sena ilu, u sussegwentement hu xtara l-kamra in kwistjoni minghand ohtu permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Lulju 2015, u qal li la hu u lanqas hutu qatt ma rcevew kera minghand l-intimat. Ohtu kienet originarjament akkwistat is-sehem tal-ahwa mill-proprjeta' b'irkant taht l-awtorita' tal-Qorti.

In **kontro-ezami** qal (fol 76-84)[1] li jaf li fi zmien missieru kien hemm xi hadd juza l-kamra ghaz-ziemel izda ma jaf l-ebda dettalji ohra. Qal li l-intimat m'ghandux kera hemm ghalkemm qieghed jokkupa l-fond. Qal li meta l-kamra ma kinitx ghadha tieghu ma kienx imur hemm, ma kellux interess u b'hekk ma jaf l-ebda dettalji. Zied ighid li meta xtara minghand ohtu kien jaf li hemm xi hadd fil-kamra. Qal li hu ried il-kamra lura u mhux li jgholli l-kera.

**Jason Grima** xehed permezz ta' affidavit (fol 57) u qal li nannuh kien ihallas il-kera u wara li miet nannuh, iz-ziju tieghu, George Zahra, baqa' ihallas il-kera ta' Lm15 fis-sena. Qal li kien tkellem ma' Mary Gatt li talbitu awment tal-kera izda hu ma accettax is-somma li ppretendiet. Spjega li kienet qaltilhom li l-kera kellha tizdied ghal Lm80, izda hu kien wiegeb li jekk jircievi ittra b'avukat biex il-kera toghla, jiehu passi. Fil-frattemp baqa' juza din il-kamra flimkien mal-kugin tieghu Clint Zahra.

In **kontro-ezami** qal (fol 86-92)[2] li ghandu 44 sena u hu *self-employed*. Spjega li n-nannu tieghu dam hames snin l-isptar qabel miet u matul dak il-perjodu, kien hu li kien jiehu hsieb il-kamra u ta' go fiha. Qal li meta miet in-nannu ntremew l-affarijiet ta' gol-kamra u bdew juzaw il-kamra hu u kuginuh Clint. Qal li hu f'ismu qatt ma hallas kera, jiftakar liz-ziju George kien imur ihallas. Qal li l-ahhar ricevuta hi fl-1992, u minn dakinhar 'l hawn ma thallas xejn.

---

[1] Seduta tad-9 ta' Marzu 2017.
[2] Seduta tas-27 ta' April 2017.

**George Zahra** xehed permezz ta' affidavit (fol 58) u qal li hu z-ziju tal-intimat, u jaf li l-kamra in kwistjoni kienet dejjem f'idejn missieru Carmelo Zahra. Spjega li jaf li missieru kien imur ihallas il-kera ghal din il-kamra, u gieli mar mieghu u anke xi drabi baghat lilu biex ihallas. Qal li l-kera kompliet tithallas anke zmien wara l-mewt ta' missieru, kif jidher mill-ktieb tal-kera, u kien jigbor il-kera certu persuna maghruf bhala "il-Geless", sakemm kienu kellmu lill-intimat biex toghla l-kera. Qal li llum il-kamra ghadu juzaha l-intimat flimkien ma' ibnu Clint Zahra.

In **kontro-ezami** qal (fol 93-99)[3] li meta Carmelo Zahra kien marid kienu jmorru hu u l-intimat jiehdu hsieb, u kien tahom ic-cavetta tal-kamra qabel miet. Ikkonferma li kien hu li mar ihallas il-kera lill-Geless u kien hallas ghan-nom ta' Carmelo Zahra.

**Maria Concetta k/a Connie Grima** xehdet permezz ta' affidavit (fol 59) u qalet li din il-kamra ilha f'idejn binha l-intimat, u missierha Carmelo Zahra kien ihallas il-kera ghal din il-kamra.

In **kontro-ezami** qalet (fol 105-109)[4] li l-intimat hu binha u bhala xoghol jiggestixxi 'cleaning' u ghandu n-nies mieghu, u Clint jahdem mieghu. Semmiet li fi zmien missierha Carmelo Zahra, kien ikollu l-annimali f'din il-kamra, u meta miet baqghu jiehdu hsieb huha George u binha l-intimat.

---

[3] Seduta tas-27 ta' April 2017.
[4] Seduta tat-30 ta' Mejju 2017

**Clint Zahra**, xehed permezz ta' affidavit (fol 60) u qal li hu kugin tal-intimat. Qal li missieru dejjem qal li din il-kamra qeghda bil-kera u kien anke ra l-ktieb tal-kera.

In **kontro-ezami** qal (fol 110-115)[5] li llum jaghmel xoghol ma' kuginuh l-intimat. Qal li c-cavetta tal-kamra in kwistjoni tahielu kuginuh l-intimat.

**Mary Gatt** xehdet permezzz ta' affidavit (fol 64) u qalet li hi oht ir-rikorrent, u wara l-mewt ta' missierha Francis Sammut li miet fis-26 ta' Jannar 1997. Spjegat li meta missierha kien tah puplisija kienet bdiet tiehu hsieb hi l-affarijiet u marret fejn il-kamra in kwistjoni u ma rat lil hadd, b'hekk halliet karta mal-bieb u kienet susssegwentement kellmet lill-intimat. Qalet li talbitu lura l-fond, izda hu rrifjuta, u ziedet tghid li minn meta kellha l-prokura hi fl-1990, hu ma hallasx aktar kera. Semmiet li wara kawza li nqatghet hadet din il-kamra izda sussegwentement bieghhet din il-kamra lil huha r-rikorrent John Sammut permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Lulju 2015.

In **kontro-ezami** (fol 67-74)[6] qalet, li missierha kien xtara l-kamra in kwistjoni u tisimghu ighid li kien jikriha lil Karmenu taz-ziemel izda ma tafx kemm kien ihallas kera, kien jiehu hsieb hu. Qalet li mill-1997, wara l-mewt ta' missierha ma thallsitx kera zgur, u semmiet li ma kienet taf xejn dwar ftehim li kellu dwar il-kirja. Spjegat li hi talbitu c-cwievet

---

5 Seduta tat-30 ta' Mejju 2017
6 Seduta tal-21 ta' Frar 2017.

lura u mhux riedet tghollilu l-kera. Qalet li bieghet l-imsemmija kamra lil huha ghax ma kinitx ser tiehu hsiebha hi. Qalet li meta kien hemm Karmenu, Carmelo Zahra, kien ihallas lil missierha meta kien ghadu haj, u ma tafx aktar dettalji.

**Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt:**

Illi din hija sentenza *in parte* fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimat fejn jikkontendi li din il-Qorti mhijiex kompetenti *ratione materiae* biex tiddeciedi t-talba odjerna.

Huwa pacifikament accertat illi l-kompetenza tal-Qorti hi determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eccezzjoni moghtija mit-termini tal-azzjoni attrici. Hu l-att promotur, kif intavolat u t-talbiet u l-premessi taghhom, li jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha. (**Frankie Refalo nomine vs Jason Azzopardi et** (Appell – 7 ta' Ottubru 1997).

Il-pozizzjoni legali fil-materja ta' kompetenza *rationae materiae* tal-Qrati ordinarji u dawk ta' kompetenza specjali f'kawzi konnessi ma' kirjiet urbani regghet irceviet skrutinju dettaljat mill-Qrati taghna wara l-introduzzjoni tal-**Att X tal-2009**, li wessghu l-kompetenza tal-Bord tal-Kera. B'dan l-att gew emmendati *inter alia* l-**artikolu 1525 tal-Kap 16** u l-**artikolu 16 tal-Kap 69**, tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi skont l-**artikolu 1525(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, il-Bord Li Jirregola l-Kera *"ghandu kompetenza esklussiva li jiddeciedi kwistjonijiet konnessi ma' kuntratti ta' kiri ta' fond urban u ta' dar ta' abitazzjoni u ta' fond kummercjali. Kirjiet ohra jaqghu taht il-kompetenza tal-Qrati ta' Gurisdizzjoni Civili u fil-kaz ta' raba' taht il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba."*

Din id-dispozizzjoni hija wkoll replikata fl-**artikolu 39(5) tal-Att 'X' tal-2009** fid-disposizzjonijiet transitorji. L-artikolu 38(a) jipprovdi subartikolu gdid wara **l-artikolu 16(3) tal**-kapitolu 69, l-**artikolu 16(4)** li ighid hekk:

*"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, il-Bord ghandu wkoll jiddeciedi l-materji kollha li jolqtu kirjiet ta' fondi urbani li jinkludu fondi residenzjali kif ukoll fondi kummercjali u dan ghat-termini ta' Titolu IX tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili fuq il-Kuntratti tal-Kiri, inkluzi kawzi dwar okkupazzjoni ta' fondi urbani fejn il-kirjiet ikunu ntemmu wara t-terminazzjoni ta' kirja. "*

Illi fil-kaz **Bartolo vs Deguara**, inghad specifikament mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), li:

*"l-**artikolu 1525** jipprovdi li l-bord hu kompetenti jiddeciedi kwistjonijiet konnessi ma' kuntratti ta' kiri. Din id-disposizzjoni ma taghmilx distinzjoni bejn kirjiet in vigore u ohrajn li ntemmu."*

Skont l-**artikolu 1525(1) tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta, "*il-Bord Li Jirregola l-Kera ghandu kompetenza esklussiva li jiddeciedi <u>kwistjonijiet konnessi ma' kuntratti ta' kiri</u> ta' fond urban u ta' dar ghall-abitazzjoni u ta' fond kummercjali. Kirjiet ohra jaqghu taht il-kompetenza tal-Qrati ta' Gurisdizzjoni Civili u fil-kaz ta' raba' taht il-kompetenza tal-Qrati ta' Gurisdizzjoni Civili u fil-kaz ta' raba' taht il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba'*."

Il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **George Falzon et vs Raymond Buttigieg et** (28 ta' Marzu 2014) qalet li:

"……….*u filwaqt li kif gja` ssemma minghajr dubju l-kompetenza tohrog mill-att promotorju, jekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti tigi milqugha, l-attur ikollu allura xorta wahda jirrikorri ghall-Bord Li Jirregola l-Kera jekk irid jiehu pussess tal-fond in kwistjoni – izda mbaghad fuq kawzali ghal kollox differenti ghaliex tkun giet stabbilita gudizzjarjament relazzjoni lokatizja bejn il-partijiet*. *Ghalhekk, ladarba l-ewwel Qorti ddecidiet biss, kif giet mitluba taghmel fuq l-ewwel eccezzjoni hija ghamlet sew li kkoncentrat fuq it-talba tal-attur* (kif iddikjarat is-sentenza Refalo vs Azzopardi fuq imsemmija) *li kienet titlob l-izgumbrament fuq il-kawzali li l-konvenuti ma ghandhomx titolu u allura kkonkludiet gustament li fuq dik il-bazi li hija kellha tisma' l-kawza u tiddecidiha."*

Illi fi kliem iehor allura l-Qorti tal-Appell iddecidiet illi fejn l-attur jallega li l-konvenut ma ghandux titolu, hija l-Prim' Awla li ghandha kompetenza tisma' l-kaz. Dan jaghmel

sens anke logiku ghaliex il-kompetenza ma tistax tigi michuda semplicement ghaliex il-konvenut jeccepixxi illi ghandu titolu ta' lokazzjoni; naturalment dejjem salv li l-attur imbaghad jirnexxielu jipprova li l-konvenut qed jokkupa minghajr titolu.

Illi kif ukoll irriteniet din l-istess Qorti fuq skorta tal-gurisprudenza fil-kaz fl-ismijiet **Strickland Limited vs Maria Frendo** (deciza fl-24 ta' Marzu 2015):

*"Din it-talba qed issir mis-socjeta` bhala sid u mhux qua lokatur. Fi kwalunkwe azzjoni t-talbiet tal-attur huma vitali sabiex ikun stradat il-kaz quddiem dik il-Qorti kompetenti u t-talba tar-rikorrenti fil-kawza odjerna hi sabiex "tordna l-izgumbrament tal-intimata mill-fond….previa dikjarazzjoni li qed tokkupa l-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi." Inoltre, ma jirrizultax mit-talba li l-izgumbrament qed jintalab abbazi ta' xi ksur ta' drittijiet jew obbligazzjonijiet naxxenti mill-kirja."* (ara wkoll "**Leo Stafrace et vs Charles Sammut**" (PA. LSO – 30 ta' April 2015).

Dan il-principju huwa konformi mal-gurisprudenza antecedenti, li ladarba l-Qorti ordinarja tasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut ghandu titlu ta' lokazzjoni allura ma titqiesx izjed kompetenti. (Ara **Vincent Camilleri noe vs Pio Muscat**, App. Inf - 21 ta' Frar 1986).

Hu difatti pacifikament akkolt illi *"l-kompetenza ma tiddependix bilfors u unikament mit-talba tal-attur imma tista' tiddependi wkoll, fejn ikun il-kaz, mill-eccezzjoni tal-*

*konvenut."* (**Oscar Busuttil vs Giuseppe Camilleri noe**, P.A. - 2 ta' Gunju 1952).

Illi fil-kaz in dizamina, ma jirrizultax mill-provi min dahal fiz-zarbun tal-inkwilin originali Karmenu Zahra - jekk halla armla ad ezempju, ghalkemm jirrizulta li kellu almenu zewgt itfal - ibnu, George Zahra u bintu, omm l-intimat. Ghalhekk din il-Qorti hija soddisfatta li l-kamra kienet originarjament mizmuma b'titolu ta' lokazzjoni min-nannu tal-intimat.

Illi huwa fondamentali li jrid jigi ezaminat l-punt jekk l-intimat kellux id-dritt li jkompli fil-kirja tan-nannu tieghu Carmelo Zahra, li originarjament kellu l-kirja tal-kamra in kwistjoni. Jirrizulta li Carmelo Zahra miet fl-1 ta' April 1989. Din l-indagini trid issir fl-ambitu tad-definizzjoni tal-kelma "kerrej" skont il-ligi specjali. F'kaz li hu "kerrej" skont il-Kap 69, allura l-kompetenza tkun tispetta lill-Bord.

Ghalhekk fil-kaz in dizamina, ghad irid jigi determinat fl-ewwel lok jekk hemmx kirja vigenti, *in vista* tac-cirkostanzi tal-kaz. Din l-indagni certament tispetta lill-Bord Li Jirregola l-Kera. Difatti, l-intimat qed jikkontendi li meta r-rikorrenti kellmuh wara snin shah, qalulu li kienu disposti jhalluh hemm bil-kera, bil-kondizzjoni li l-kera toghla ghal tmenin Ewro (€80). Min-naha l-ohra, r-rikorrent u x-xhud Mary Gatt mhux talli ma kkonfermawx l-istess verzjoni, izda cahdu li l-kliem li nghad kien li intalab il-fond lura. Ghalhekk, jezisiti wkoll kunflitt fil-verzjonijiet tax-xhieda proprju ghal dak li jirrigwarda it-tigdid ta' kirja *o meno*.

Illi mhuwiex ikkontestat fil-kaz odjern, li mill-1991 ma kien hemm l-ebda hlas ta' kera minkejja li l-intimat qed isostni li huwa kompla t-titolu ta' lokazzjoni tal-predecessur tieghu. Mill-provi prodotti, ossija mill-kopji tal-ktieb tal-kera, jirrizulta li l-kera thallset sal-1991 (fol 54). Hawnhekk, ta' min ighid, li din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-avukat difensur tal-intimat fit-trattazzjoni, li ladarba saret il-prova li kien hemm kirja, l-indagini jekk hemmx kirja li ghadha vigenti u jekk intirtitix f'dan il-kaz, hija kompetenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera.

Illi fil-kaz ukoll **Catherine Darmanin et v Miriam Cutajar Fiorini et** (App.Inf. (AE) (dec.16.12.2015) l-On.Qorti tal-Appell irrevokat is-sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera u asseriet il-kompetenza tal-istess Bord wara li regghet affermat kemm il-kompetenza tal-Bord twesset bl-ammendi introdotti, billi f'dak il-kaz "*hu ovvju li fl-ewwel lok hemm bzonn ta' dikjarazzjoni dwar jekk il-kirja spiccatx minhabba li r-rikorrenti jsostnu li minhabba li l-intimata xtrat nofs indiviz tal-fond, ma tistax tkun inkwilina ta' nofs indiviz tal-fond. Materja li tolqot kirja ta' fond urban.*"

Tali dikjarazzjoni li l-kirja intemmet f'kaz ta' fond urban hija mehtiega fil-kaz odjern.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-provi tal-atti tal-kaz, u *in vista* tal-istharrig li jrid isir, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-kompetenza mhijiex ta' din il-Qorti imma tal-Bord Li Jirregola l-Kera.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimat, tiddikjara li m'ghandhiex il-kompetenza *ratione materiae* biex tiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti u tordna l-atti tal-proceduri jigu trasferiti lill-Bord Li Jirregola L-Kera sabiex jiehu konjizzjoni ta' din il-kawza.

Konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-kawza.

**L-ispejjez jigu determinati mas-sentenza finali.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Jannar 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Jannar 2018**